11 ta' Diċembru, 1950

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Valentino Farrugia *versus* Carmelo Chetcuti, A.I.C.

**Obligazzjoni — Mara — Kunsens tar-Raġel — Mandat — Lokazzjoni — Art. 1014, 1015, 1959 (2) u 1971 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Huwa veru illi kwalunkwe konvenzjoni li tagħmel il-mara miżżewġa mingħajr il-kunsens u d-dehra tar-raġel, jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, ma għandhiex effikaċja; u huwa veru wkoll illi dak il-kunsens tar-raġel jitqies mogħti lill-mara dwar kull konvenzjoni li martu tagħmel għall-bżonnijiet tad-dar soliti u ta' kuljum. Imma dan ma jfissirx illi l-mara ma tistax tikkuntratta bħala mandatarja tar-raġel; għax il-mara tista' tiġi kostitwita mandatarja ta' żewġha, u l-mandat jista' jkun konferit lilha anki bil-fomm biss, u anki taċitament.*

***Għaldaqstant, jekk il-mara tikkuntratta lokazzjoni bħala mandatarja ta' żewġha, dan ma jistax jiddiskonoxxi dik il-lokazzjoni hekk konkjuża.***

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' Valentino Farrugia quddiem il-Board li jirregola l-Kera, fejn, wara li qal li huwa kera minn għand l-intimat Carmelo Chetcuti, A.I.C., xi kumditajiet mill-fond nru. 62 High Street, Siġġiewi, fis-16 ta' Mejju 1949, bil patt li s-sid kellu jadixxi l-Board għall-fissazzjoni tal-kera xieraq; u li l-intimat sal-lum ma ħax interess jadixxi l-Board; talab li jiġi fissat il-kera xieraq tal-kumditajiet minnu okkupati, u dan b'effett mis-16 ta' Mejju 1949;

Rat it-tweġiba ta' l-intimat, li ssottometta li huwa qatt ma kera lir-rikorrenti l-kumditajiet minnu okkupati, u dan quddiemu huwa intruż; u li l-fond jinsab rekwiżizzjonat mill-Housing Commissioner;

Rat is-sentenza mogħtija minn dak il-Board fil-31 ta' Lulju 1950, li biha ġie deċiż u dikjarat li l-kontrattazzjoni li saret bejn ir-rikorrent u l-mara ta' l-intimat kienet validament magħmula, u li dik il-kontrattazzjoni tikkostitwixxi lokazzjoni bil-kera li kellu jiġi ffissat per mezz ta' dak il-Board; u b'hekk ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-istess kontrattazzjoni, u r-rikors ġie differit għall-eżami tal-fond u għas-sentenza għas-seduta tal-20 ta' Diċembru 1950. L-ispejjeż ġew riżervati għall-ġudizzju finali fil-meritu. Wara li kkunsidra;

Li ma jidherx li jista', skond ir-riżultanzi tal-proċess, ikun hemm dubju li l-mara ta' l-intimat kienet tat l-inkariku lil Giorgia Mifsud biex issibilha xi ħadd bla familja biex tikrilu parti mid-dar in kwistjoni, fejn kienet toqgħod ukoll l-istess Giorgia Mifsud. Din Giorgia Mifsud issuġġeriet bħala kerrej lir-rikorrent, u bejn dan u l-mara ta' l-intimat sar il-ftehim li jmur jokkupa xi kumditajiet mid-dar. Il-proposta tal-mara ta' l-intimat kienet ta' lokazzjoni.........., u hekk ġiet aċċettata mir-rikorrent. L-assenza ta' ftehim fuq il-"quantum" tal-kera mhix ta' importanza fl-istat tal-liġi, għax billi l-oġġett tal-kirja kien parti minn dar, la seta' jiġi miftiehem li r-rikorrent iħallas provviżorjament dak il-kera li kien reġistrat fil-Land Valuation Office, u lanqas ma seta' jiġi miftiehem kera iebor ħlief dak li jkun stabbilit mill-Board.........;

Illi, stabbilit il-fatt li r-rikorrent ha l-kunditajiet b'titolu ta' kera, tiġi l-kwistjoni sollevata mill-intimat, jekk il-kontrattazzjoni bejn ir-rikorrent u l-mara tiegħu hix valida skond il-liġi;

Huwa veru li l-kunsens tar-raġel jitqies mogħti dwar kull konvenzjoni li martu tagħmel għall-bżonnijiet tad-dar soliti ta' kuljum; imma meta l-mara ta' l-intimat kriet lir-rikorrent, ma kienetx qiegħda tikkuntratta bħala mara miżżewġa bil-kunsens preżunt tar-raġel, imma bħala mandatarja ta' żewġha; u kollhadd jaf li l-mandat jista' jingħata anki bil-fomm, jew ukoll taċitament (section 1959 Kod. Ċivili); u ma jidherx anqas hawn li jista' jkun hemm dubju li l-mara ta' l-intimat kienet qiegħda tagixxi ta' mandatarja ta' żewġha meta, biex tipprova teħles mill-konsegwenzi tar-"requisition order" li kellhom fuq il-post, kriet il-post lir-rikorrent..........;

Bat ir-rikors ta' l-imsemmi perit Carmelo Chetcuti quddiem din il-Qorti, fejn talab li l-imsemmija sentenza tiġi revokata, billi jiġi deċiż li bejn il-partijiet ma saret ebda lokazzjoni valida tal-fond indikat fir-rikors; u għalhekk it-talba tiġi miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda ta' l-appellat Valentino Farrugia, korroborata minn dik ta' martu u ta' Giorgia Mifsud, irriżulta b'mod soddisfaċenti li parti mid-dar imsemmija fir-rikors ġiet lilu mikrija minn Marianna Chetcuti, mart l-appellant, bil-kera li kellu jiġi stabbilit mill-Board li jirregola l-Kera..........;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jippretendi li martu ma setgħetx tagħmel il-ftehim fuq imsemmi ma' l-appellat minħabba d-dispożizzjoni ta' l-art. 1014 tal-Kodiċi Ċivili, li jissanzjona n-nullità ta' kwalunkwe konvenzjoni (eċċettwati dawk hemm indikati li ma jagħmlux mal-każ) minn mara miżżewġa mingħajr il-kunsens u d-dehra ta' żewġha fl-att, jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti;

L-ewwel paragrafu ta' l-artikolu ta' wara (1015) jistabbilixxi l-preżunzjoni tal-kunsens tar-raġel dwar kull konvenzjoni li martu tagħmel għall-bżonnijiet tad-dar u ta' kuljum, u li din il-konvenzjoni ma tistax tiġi attakkata minħabba li r-raġel ma

jkunx deher magħha. Konvenzjonijiet ta' din in-natura jsiru evidentement għall-vantaġġ tal-familja, u għalhekk il-mara ma tobbligax lilha nfisha, iżda lil żewġha, li tiegħu hija preżunta mandatarja. Dana però ma jġibx li l-mara miżżewġa ma jistax ikollha l-mandat taċitu ta' żewġha anki għal obligazzjonijiet oħra li ma jkunux dwar il-bżonnijiet domestiċi ordinarji u ta' kuljum (ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Diċembru 1925, in re "Bonnici vs. Tabone", Kollez. Vol. XXVI, parte I, paġ. 340). Infatti l-mara miżżewġa tista' tkun mandatarja (art. 1971 (1) Kod. Ċivili), u l-mandat jista' anki jkun taċitu (art. 1959 (2) ta' l-istess Kodiċi);

Ikkunsidrat;

Illi wara eżami bir-reqqa tal-provi mressqin quddiem il-Board, il-fehma tal-Qorti hija li meta l-mara ta' l-appellant kriet lill-appellat il-kumditajiet imsemmijin fir-rikors, hija għamlet hekk bil-kunsens u bħala mandatarja ta' żewġha. Infatti l-appellant ma jiċħadx. ......... Maċ-ċirkustanzi fuq imsemmijin hemm lek ukoll li jiġu adottati anki dawk migjubin fis-sentenza appellata, li għalihom huwa sufficjenti li ssir semplici riferenza;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fil-31 ta' Lulju 1950; bl-ispejjeż kontra l-appellant Chetcuti.

---